IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.10.2014
COM(2014) 656 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-

Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni msejjaħ "Orizzont 2020" u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-programm Orizzont 2020 u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqin mill-impriża msejħa "Fużjoni għall-Enerġija"

Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni msejjaħ "Orizzont 2020" u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-programm Orizzont 2020 u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqin mill-impriża msejħa "Fużjoni għall-Enerġija"

L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA,

(minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-Unjoni" u "Euratom" rispettivament),

minn naħa waħda,

u

L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA,

(minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Isvizzera"),

min-naħa l-oħra,

(minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"),

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li r-relazzjoni mill-qrib ta' bejn l-Isvizzera u l-Unjoni u l-Euratom hija ta' benefiċċju għall-Partijiet;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-importanza tar-riċerka xjentifika u teknoloġika għall-Unjoni u għall-Euratom u għall-Isvizzera u l-interess reċiproku tagħhom li jikkooperaw f'dan il-qasam sabiex ir-riżorsi jintużaw aħjar u sabiex ma jsirx xogħol doppju għal xejn;

BILLI l-Isvizzera u l-Unjoni u l-Euratom bħalissa qed jimplimentaw programmi tar-riċerka f'oqsma ta' interess komuni;

BILLI l-Unjoni u l-Euratom u l-Isvizzera għandhom interess li jikkooperaw f'dawn il-programmi għall-benefiċċju reċiproku tagħhom;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-interess tal-Partijiet biex iħeġġu l-aċċess reċiproku għall-entitajiet tar-riċerka tagħhom għall-attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku fl-Isvizzera, minn naħa waħda, u għall-Programm Qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, u għall-attivitajiet imwettqin mill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni[1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Fużjoni għall-Enerġija"), min-naħa l-oħra;

[1] Stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (2007/198/Euratom) tas-27 ta' Marzu 2007 (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

BILLI l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Isvizzera kkonkludew Ftehim ta' Kooperazzjoni fl-1978 fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kkontrollata u l-fiżika tal-plażmi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar il-Fużjoni");

BILLI ż-żewġ partijiet jixtiequ jenfasizzaw il-benefiċċji reċiproki tal-eżekuzzjoni tal-Ftehim dwar il-Fużjoni, fil-każ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ir-rwol tal-Isvizzera fl-avvanz tal-elementi kollha tal-Programm Komunitarju dwar il-Fużjoni, b'mod partikolari tal-JET u l-ITER fil-progress lejn ir-reattur ta' dimostrazzjoni msejjaħ "DEMO" u, fil-każ tal-Isvizzera, l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-Programm Svizzeru u l-integrazzjoni tiegħu f'oqfsa Ewropej u internazzjonali;

BILLI ż-żewġ partijiet jaffermaw mill-ġdid ix-xewqa tagħhom li jkomplu jikkooperaw fit-tul fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kkontrollata u tal-fiżika tal-plażmi abbażi ta' qafas ġdid u strumenti ġodda li jiżguraw l-appoġġ għall-attivitajiet tar-riċerka;

BILLI dan il-Ftehim itemm il-Ftehim dwar il-Fużjoni u jeħodlu postu;

BILLI l-Partijiet laħqu Ftehim ta' Qafas fit-8 ta' Jannar 1986 għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika, li daħal fis-seħħ fis-17 ta' Lulju 1987 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Qafas");

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Qafas igħid li l-kooperazzjoni maħsuba mill-Ftehim ta' Qafas għandha titwettaq permezz ta' ftehimiet xierqa;

BILLI fil-25 ta' Ġunju 2007 il-Komunitajiet u l-Isvizzera ffirmaw ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra;

BILLI fit-12 ta' Diċembru 2012 l-Euratom u l-Isvizzera kkonkludew ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, li jassoċja lill-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka u l-attivitajiet tat-taħriġ fil-qasam nukleari (għall-2012 sal-2013);

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Artikoli 9(2) tal-Ftehimiet imsemmija hawn fuq jipprevedu t-tiġdid tal-Ftehim bil-ħsieb ta' parteċipazzjoni fi Programmi ta' Qafas pluriennali ġodda għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku jew f'attivitajiet attwali u futuri, skont kundizzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku;

BILLI l-Euratom ikkonkludiet il-Ftehim dwar l-istabbiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-proġett tal-ITER. Skont l-Artikolu 21 tagħha u l-Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim tal-ITER, il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għall-ITER u l-Ftehim dwar Approċċ Usa' għat-territorju tal-Isvizzera u dwar is-sħubija tal-Isvizzera fl-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni tat-22 ta' Novembru 2007, il-Ftehim japplika għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-programm ta' fużjoni tal-Euratom bħala Stat terz assoċjat bis-sħiħ miegħu;

BILLI l-Euratom hija membru tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2007. Skont l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni u l-Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim tal-ITER, tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u

l-Immunitajiet għall-ITER u l-Ftehim dwar Approċċ Usa' għat-territorju tal-Isvizzera u dwar is-sħubija tal-Isvizzera fl-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni tat-28 ta' Novembru 2007, l-Isvizzera saret membru tal-Impriża Konġunta bħala Stat terz li sieħeb il-programm tar-riċerka tiegħu mal-programm ta' fużjoni tal-Euratom;

BILLI l-Euratom ikkonkludiet il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Attivitajiet tal-Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni. Skont l-Artikolu 26 tiegħu, il-Ftehim japplika għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-programm ta' fużjoni tal-Euratom bħala Stat terz assoċjat bis-sħiħ miegħu;

BILLI l-programm tal-Unjoni msejjaħ "Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (għall-2014 sal-2020)" (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Orizzont 2020") ġie adottat permezz tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], il-Programm Speċifiku li jimplimenta l-programm Orizzont 2020 ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 743/2013/UE[3], u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (għall-2014 sal-2018) li jikkumplimenta l-programm Orizzont 2020– (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm Euratom") ġie adottat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013[4], u r-Regoli għall-parteċipazzjoni fil-programm Orizzont 2020 u fil-Programm Euratom u għat-tixrid tar-riżultati tagħhom ġew adottati permezz tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], u r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament tal-EIT") ġie emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[6] u d-deċiżjoni li tingħata l-bażi għall-finanzjament tal-attivitajiet relatati mal-ITER għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020 ġiet adottata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi[7];

BILLI, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, dan il-Ftehim u kull attività mibdija fil-kuntest tiegħu, bl-ebda mod ma jaffettwaw is-setgħat mogħtija lill-Istati Membri li jwettqu attivitajiet bilaterali mal-Isvizzera fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tar-riċerka u tal-iżvilupp u biex, fejn ikun xieraq, jikkonkludu ftehimiet magħha għal dak il-għan,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1
Suġġett

1. It-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-implimentazzjoni tal-Pilastru I tal-programm Orizzont 2020 u tal-azzjonijiet imwettqin skont l-għan speċifiku msejjaħ "It-tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni", fil-Programm Euratom għall-2014 sal-2018 u fl-attivitajiet imwettqin mill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-

[2] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104.
[3] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965.
[4] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 948.
[5] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81.
[6] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 147.
[7] ĠU L 349, 20.12.2013, p. 100.

Enerġija mill-Fużjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Fużjoni għall-Enerġija") għall-2014 sal-2020, għandhom ikunu dawk stipulati f'dan il-Ftehim.

1a. Suġġett għall-Artikolu 13(3)(c), mill-1 ta' Jannar 2017 dan il-Ftehim għandu jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-implimentazzjoni tal-programm Orizzont 2020 kollu, fil-Programm Euratom għall-2014 sal-2018 u fl-attivitajiet imwettqin mill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għall-2014 sal-2020.

2. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera jistgħu jipparteċipaw fil-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7.

3. Mill-1 ta' Jannar 2017 l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera jistgħu jippartecipaw fl-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Unjoni, sakemm din il-parteċipazzjoni mhijiex koperta mill-paragrafu 1.

4. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni, inkluż iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, jistgħu jipparteċipaw fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka fl-Isvizzera li jittrattaw temi ekwivalenti għal dawk tal-programmi msemmija fil-paragrafu 1 u għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1a mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

5. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

a. "entità legali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe persuna legali maħluqa u rrikonuxxuta bħala tali skont il-liġi nazzjonali, il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi internazzjonali, li għandha personalità legali u li tista' teżerċita drittijiet u tkun suġġetta għal ċerti obbligi meta taġixxi f'isimha stess;

b. "programmi koperti minn dan il-Ftehim" tfisser il-Pilastru I tal-programm Orizzont 2020, l-azzjonijiet imwettqin skont l-għan speċifiku msejjaħ "It-tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni" u l-Programm Euratom għall-2014 sal-2018 jew, skont l-Artikolu 13(3)(c), il-programm Orizzont 2020 kollu u l-Programm Euratom għall-2014 sal-2018 mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem;

c. "pilastru I tal-programm Orizzont 2020" tfisser l-azzjonijiet imwettqin skont l-għanijiet speċifiċi elenkati fil-Parti I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġifieri l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, it-teknoloġiji futuri u emerġenti, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u l-infrastrutturi tar-riċerka.

ARTIKOLU 2
Forom u mezzi ta' kooperazzjoni

1. Il-kooperazzjoni għandha tieħu l-forom li ġejjin:

a. Il-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera fi Programmi koperti minn dan il-Ftehim skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli tagħhom għall-parteċipazzjoni u t-tixrid tar-riżultati u fl-attivitajiet kollha mwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati mill-Impriża Konġunta.

F'każ li l-Unjoni tistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 185 u 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)[8], l-Isvizzera għandhatiħalla tipparteċipa fl-istrutturi legali maħluqin skont dawk id-dispożizzjonijiet, f'konformità mad-deċiżjonijiet u r-regolamenti li jkunu ġew adottati jew li jkunu se jiġu adottati għall-istabbilment ta' dawk l-istrutturi legali. Suġġetta għall-Artikolu 13(3)(c), din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera għandhom ikunu eliġibbli jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti bbażati fuq l-Artikoli 185 u 187 tat-TFUE bħala entitajiet minn pajjiż assoċjat. Suġġetta għall-Artikolu 13(3)(c), din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu japplika għall-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera fil-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni.

Il-parteċipanti Svizzeri huma mistiedna għall-Forum tal-Partijiet Interessati tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (l-EIT).

b. Kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-Isvizzera għall-baġits tal-programmi ta' ħidma adottati għall-implimentazzjoni tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għall-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, kif iddefinita fl-Artikolu 4(2).

c. Il-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka Svizzeri deċiżi mill-Kunsill Federali li jittrattaw temi li huma ekwivalenti għal dawk tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għal dawk tal-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti rilevanti Svizzeri u bil-qbil tal-imsieħba fil-proġett speċifiku u tal-persunal ta' ġestjoni tal-programm Svizzeru korrispondenti. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni li jipparteċipaw fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka Svizzeri għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħhom stess, inkluż is-sehem relattiv tagħhom fl-ispejjeż amministrattivi u tal-ġestjoni ġenerali tal-proġett.

2. Minbarra l-għoti f'waqtu ta' informazzjoni u dokumentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u tal-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, kif ukoll tal-programmi u/jew proġetti Svizzeri, il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet tista' tinkludi l-forom u l-mezzi li ġejjin:

a. skambji regolari tal-fehmiet dwar il-linji gwida u l-prijoritajiet tal-politika tar-riċerka fl-Isvizzera u fl-Unjoni u fl-Euratom u dwar il-pjanijiet tagħhom għal dan il-qasam;

b. skambji ta' fehmiet dwar il-prospetti għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp tagħha;

c. skambji f'waqthom tat-tagħrif dwar l-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti tar-riċerka fl-Isvizzera u fl-Unjoni u fl-Euratom u tat-tagħrif dwar ir-riżultati tax-xogħol imwettaq skont dan il-Ftehim;

[8] ĠU C 115, 9.5.2008, p. 47.

d. laqgħat konġunti u d-dikjarazzjonijiet konġunti li jirriżultaw minnhom;

e. żjarat u skambji ta' riċerkaturi, inġiniera u persuni tekniċi;

f. kuntatti regolari u segwitu bejn il-mexxejja tal-programmi jew tal-proġetti fl-Isvizzera u fl-Unjoni u fl-Euratom;

g. il-parteċipazzjoni tal-esperti f'seminars, simpożji u sessjonijiet ta' ħidma;

h. skambji f'waqthom tat-tagħrif dwar l-attivitajiet tal-ITER bl-istess mod bħalma jsir fil-każ tal-Istati Membri.

ARTIKOLU 3
Drittijiet u obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali

1. Suġġetti għall-Anness A u għal-liġi applikabbli, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jipparteċipaw fi Programmi koperti minn dan il-Ftehim u f'attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni li jkunu qed jipparteċipaw fil-programmi u fl-attivitajiet tar-riċerka kkonċernati f'dak li għandu x'jaqsam mas-sjieda, l-użu u t-tixrid tal-informazzjoni u tal-proprjetà intellettwali li tirriżulta minn din il-parteċipazzjoni. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għar-riżultati miksubin minn proġetti li jkunu bdew qabel l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim.

2. Suġġetti għall-Anness A u għal-liġi applikabbli, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni li qed jieħdu sehem fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka Svizzeri, kif previst fl-Artikolu 2(1)(c), għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera u li qed jipparteċipaw fil-programmi u/jew il-proġetti kkonċernati f'dak li għandu x'jaqsam mas-sjieda, l-użu u t-tixrid tal-informazzjoni u tal-proprjetà intellettwali li tirriżulta minn din il-parteċipazzjoni. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għar-riżultati miksubin minn proġetti li jkunu bdew qabel l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "proprjetà intellettwali" għandu jkollha t-tifsira ddefinita fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali, li ġiet iffirmata fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967.

ARTIKOLU 4
Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera li tirriżulta mill-parteċipazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u mill-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija għandha tkun stabbilita b'mod proporzjonat u addizzjonali għall-ammont disponibbli ta' kull sena fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-approprjazzjonijiet ta' impenn biex jintlaħqu l-obbligi finanzjarji tal-Kummissjoni li jirriżultaw mill-ħidma li trid titwettaq fil-forom meħtieġa għall-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-funzjonament u t-twettiq tal-programmi koperti minn dan il-Ftehim.

L-Unjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li tuża l-approprjazzjonijiet operattivi u amministrattivi li jirriżultaw mill-kontribuzzjoni Svizzera għall-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għall-

attivitajiet kollha mwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija skont il-ħtiġijiet ta' dawn il-programmi u l-attivitajiet.

2. Bl-eċċezzjoni tat-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu, il-fattur tal-proporzjonalità li jirregola l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera skont dan il-Ftehim għandu jinkiseb billi jiġi stabbilit il-proporzjon tal-prodott domestiku gross tal-Isvizzera, mogħti fil-prezzijiet tas-suq, meta mqabbel mas-somma tal-prodotti domestiċi grossi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, mogħtija fil-prezzijiet tas-suq. Il-fattur tal-proporzjonalità li jirregola l-kontribuzzjoni tal-Isvizzera għall-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija u għall-parti tal-fużjoni tal-Programm Euratom għandu jinkiseb billi jiġi stabbilit il-proporzjon tal-prodott domestiku gross tal-Isvizzera, mogħti fil-prezzijiet tas-suq, meta mqabbel mas-somma tal-prodotti domestiċi grossi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Isvizzera, mogħtija fil-prezzijiet tas-suq.

   Dawn il-proporzjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-aktar statistika riċenti tal-Eurostat, li tkun disponibbli meta jiġi ppubblikat l-abbozz tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għal dik is-sena.

3. Ir-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera huma mogħtija fl-Anness B.

ARTIKOLU 5
Kumitat għar-Riċerka bejn l-Isvizzera u l-Komunitajiet

1. Il-Kumitat għar-Riċerka bejn l-Isvizzera u l-Komunitajiet stabbilit bil-Ftehim ta' Qafas għandu jeżamina, jevalwa u jiżgura l-implimentazzjoni x-xierqa ta' dan il-Ftehim. Kull kwistjoni li tinqala' b'rabta mal-implimentazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha titressaq quddiem dan il-Kumitat.

2. Il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jemenda r-referenzi għall-atti tal-Unjoni msemmija fl-Anness C.

3. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet. Barra minn hekk, il-Kumitat għandu jaħdem b'mod kontinwu permezz tal-iskambju tad-dokumenti, tal-ittri elettroniċi u ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

ARTIKOLU 6
Parteċipazzjoni fil-kumitati

1. Ir-rappreżentanti tal-Isvizzera għandhom jipparteċipaw bħala osservaturi fil-kumitati responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim. Il-parteċipazzjoni għandha tkun skont ir-regoli ta' proċedura ta' dawn il-kumitati. L-Iżvizzera għandha tiġi mgħarrfa dwar ir-riżultati tal-voti f'dawn il-kumitati. Il-parteċipazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandha tieħu l-istess għamla, inklużi l-proċeduri għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni, bħal dik applikabbli għar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

2. Ir-rappreżentanti tal-Isvizzera għandhom jipparteċipaw bħala osservaturi fil-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Din il-parteċipazzjoni għandha tkun skont ir-regoli ta' proċedura ta' dan il-Bord tal-Gvernaturi.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza li jġarrbu r-rappreżentanti tal-Isvizzera li jkunu qed jieħdu sehem fil-laqgħat tal-kumitati msemmija fil-

paragrafi 1 u 2 fuq l-istess bażi bħar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u skont il-proċeduri li hemm fis-seħħ bħalissa għalihom.

4. Ir-rappreżentanti tal-Isvizzera għandhom jipparteċipaw fil-korpi tal-impriża Fużjoni għall-Enerġija. Il-parteċipazzjoni għandha tkun skont l-istatuti tal-impriża Fużjoni għall-Enerġija, inklużi d-dispożizzjonijiet tagħhom dwar id-drittijiet tal-vot.

5. Il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti mill-Isvizzera fil-Kumitat tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (il-KŻER) u fi gruppi relatati maż-Żona Ewropea tar-Riċerka (iż-ŻER) għandha tkun skont ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat u ta' dawn il-gruppi.

ARTIKOLU 7
Parteċipazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jipparteċipaw fil-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi kuntrattwali bħall-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni.

2. Għall-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera, it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-preżentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proposti u dawk għall-għoti u l-konklużjoni ta' ftehimiet tal-għotja u/jew ta' kuntratti fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u tal-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija għandhom ikunu l-istess bħal dawk li japplikaw għall-ftehimiet tal-għotja u/jew għall-kuntratti konklużi fil-kuntest tal-istess programmi jew attivitajiet tal-impriża Fużjoni għall-Enerġija ma' entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni.

3. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera għandhom ikunu eliġibbli għall-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim.

4. Għadd xieraq ta' esperti Svizzeri għandhom jiġu kkunsidrati fl-għażla tal-evalwaturi jew tal-esperti fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim, kif ukoll għall-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, billi jiġu kkunsidrati l-ħiliet u l-għarfien adattati għall-kompiti assenjati lilhom.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(4), tal-Artikolu 2(1)(c) u tal-Artikolu 3(2) u għar-regolamenti u r-regoli ta' proċedura eżistenti, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw fil-programmi u/jew fil-proġetti tal-programmi u l-attivitajiet tar-riċerka Svizzeri msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) b'termini u kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk tal-imsieħba Svizzeri. L-awtoritajiet Svizzeri jistgħu jistipulaw li l-parteċipazzjoni ta' entità legali waħda jew aktar stabbilita fl-Unjoni fi proġett tkun suġġetta għall-parteċipazzjoni konġunta ma' mill-inqas entità legali waħda stabbilita fl-Isvizzera.

ARTIKOLU 8
Mobilità

Kull Parti għandha timpenja ruħha, f'konformità mar-regolamenti u l-ftehimiet eżistenti fis-seħħ, li tiggarantixxi d-dħul u s-soġġorn – sakemm dan ikun indispensabbli għat-twettiq b'suċċess tal-attività kkonċernata – ta' għadd ta' riċerkaturi minn tagħha li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet koperti minn dan il-Ftehim fl-Isvizzera u fl-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 9
Reviżjoni u kollaborazzjoni futura

1. Jekk l-Unjoni jew l-Euratom jirrevedu jew jestendu l-programmi tar-riċerka tagħhom jew l-attivitajiet tal-impriża Fużjoni għall-Enerġija, dan il-Ftehim jista' jiġi rivedut jew estiż skont kundizzjonijiet miftehma b'mod reċiproku. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u l-fehmiet tagħhom dwar reviżjoni jew estensjoni bħal din, kif ukoll dwar kull kwistjoni oħra li taffettwa direttament jew indirettament il-kooperazzjoni tal-Isvizzera fl-oqsma koperti mill-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u mill-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija. L-Isvizzera għandha tiġi mgħarrfa bil-kontenut eżatt tal-programmi jew tal-attivitajiet riveduti jew estiżi fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tagħhom mill-Unjoni u mill-Euratom. Fil-każ ta' reviżjoni jew estensjoni ta' dan it-tip tal-programmi jew l-attivitajiet tar-riċerka, l-Isvizzera tista' ttemm dan il-Ftehim billi tibgħat avviż dwar dan mill-anqas sitt xhur qabel. Il-Partijiet għandhom javżaw lil xulxin dwar kull intenzjoni li jkollhom li jtemmu jew li jestendu dan il-Ftehim fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Unjoni jew tal-Euratom.

2. Jekk l-Unjoni jew l-Euratom tadotta programmi pluriennali ġodda ta' qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku jew deċiżjoni ġdida biex tiffinanzja l-attivitajiet tal-impriża Fużjoni għall-Enerġija, dan il-Ftehim jista' jiġġedded jew jiġi nnegozjat mill-ġdid skont kundizzjonijiet miftehma b'mod reċiproku bejn il-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jiskawmbjaw l-informazzjoni u l-fehmiet tagħhom dwar it-tħejjija ta' dawn il-programmi jew ta' attivitajiet tar-riċerka attwali u futuri oħrajn, inklużi dawk imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, permezz tal-Kumitat għar-Riċerka bejn l-Isvizzera u l-Komunitajiet.

ARTIKOLU 10
Rabta ma' ftehimiet internazzjonali oħrajn

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-vantaġġi previsti minn ftehimiet internazzjonali oħrajn li jorbtu waħda mill-Partijiet u li huma riżervati biss għall-entitajiet legali stabbiliti fit-territorju ta' dik il-Parti.

2. Entità legali stabbilita f'pajjiż ieħor assoċjat mal-programm Orizzont 2020 (Pajjiż Assoċjat) jew mal-Programm Euratom tgawdi mill-istess drittijiet u obbligi taħt dan il-Ftehim bħall-entitajiet legali li huma stabbiliti fi Stat Membru, jekk kemm-il darba l-Pajjiż Assoċjat li fih l-entità tkun stabbilita jkun qabel li jagħti l-istess drittijiet u obbligi lill-entitajiet legali mill-Isvizzera.

ARTIKOLU 11
Applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom huma applikati t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk it-Trattati u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Isvizzera.

ARTIKOLU 12
Annessi

L-Annessi A, B u C għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 13
Emenda u terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għall-perjodu kollu li fih idum japplika l-programm Orizzont 2020, sal-31 ta' Diċembru 2018 għall-programm Euratom u sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija.

   Minkejja l-paragrafu 3 ta' hawn taħt, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Marzu 2019, kull Parti tista' ttemm dan il-Ftehim b'notifika bil-miktub fir-rigward tal-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija. F'dan il-każ, il-Ftehim għandu jieqaf japplika fil-31 ta' Diċembru 2018 fir-rigward tat-tali attivitajiet.

   Dan il-Ftehim għandu jiġi estiż b'mod taċitu u japplika bl-istess termini u kundizzjonijiet tal-Programm Euratom għall-2019 sal-2020, sakemm xi parti minnhom ma tinnotifikax id-deċiżjoni tagħha li ma testendix dan il-Ftehim għal dan il-Programm fi żmien tliet xhur minn meta jiġi adottat il-Programm Euratom għall-2019 sal-2020. Fil-każ ta' notifika bħal din, dan il-Ftehim għandu jieqaf japplika fil-31 ta' Diċembru 2018 għall-Programm Euratom, mingħajr preġudizzju għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-programm Orizzont 2020 u fl-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija.
2. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat biss bil-miktub bil-kunsens komuni tal-Partijiet. Il-proċedura għad-dħul fis-seħħ tal-emendi għandha tkun l-istess bħall-proċedura applikabbli għal dan il-Ftehim.

3. Kull Parti tista' ttemm dan il-Ftehim f'kull ħin, dejjem jekk tibgħat notifika bil-miktub sitt xhur bil-quddiem.

3a. F'każ li l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni jiġi tterminat, dan il-Ftehim għandu jieqaf japplika fl-istess data bħal dik il fiha jieqaf japplika l-Ftehim imsemmi qabel. Ma għandu jkun meħtieġ l-ebda avviż bil-miktub minn qabel għal dan il-għan.

3b. Dan il-Ftehim m'għandux jibqa' japplika jekk l-Isvizzera ma tibgħatx in-notifika meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll dwar l-estensjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni għall-Kroazja fi żmien sitt xhur minn meta jitlestew il-proċeduri interni Svizzeri. Ma għandu jkun meħtieġ l-ebda avviż bil-miktub minn qabel għal dan il-għan.

3c. Dan il-Ftehim m'għandux jibqa' japplika, b'effett retroattiv mill-31 ta' Diċembru 2016, jekk l-Isvizzera ma tirratifikax il-Protokoll dwar l-estensjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni għall-Kroazja sad-9 ta' Frar 2017. Jekk il-Konfederazzjoni Svizzera tirratifika l-Protokoll imsemmi hawn fuq, dan il-Ftehim għandu japplika għall-programm Orizzont 2020 kollu, għall-Programm Euratom għall-2014 sal-2018 u għall-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

4. Il-proġetti u l-attivitajiet li jkunu qed jitwettqu meta jintemm u/jew jiskadi dan il-Ftehim għandhom jibqgħu għaddejjin sa ma jitlestew skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom isolvu b'kunsens komuni kull konsegwenza oħra tat-terminazzjoni.

ARTIKOLU 14

Klawżola ta' reviżjoni

Fir-raba' sena wara li jibda japplika dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jirrevedu b'mod konġunt l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż il-fattur ta' proporzjonalità li jirregola l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera, fuq il-bażi tad-dejta dwar il-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera fl-azzjonijiet diretti u indiretti mwettqin fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim fl-2014 sal-2016, kif ukoll fl-attivitajiet tal-impriża Fużjoni għall-Enerġija.

ARTIKOLU 15
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew konkluż mill-Partijiet f'konformità mar-regoli rispettivi tagħhom. Huwa għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika tat-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

   Fir-rigward tal-assoċjazzjoni tal-Isvizzera mal-programm Orizzont 2020, l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim għandha tibda meta r-rappreżentanti tal-Isvizzera u tal-Unjoni jiffirmawh.

   Fir-rigward tal-assoċjazzjoni tal-Isvizzera mal-Programm Euratom u mal-attivitajiet tal-impriża Fużjoni għall-Enerġija, l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim għandha tibda meta l-Isvizzera tkun iffirmat il-Ftehim u l-Euratom ikun innotifika lill-Isvizzera li tlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

   Il-Ftehim għandu jibda japplika b'mod provviżorju mill-15 ta' Settembru 2014 'il quddiem. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera għandhom jiġu ttrattati bħala entitajiet minn Pajjiż Assoċjat skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fil-programm Orizzont 2020 u għat-tixrid tar-riżultati tiegħu għall-finijiet tas-sejħiet għal proposti jew tal-istediniet biex jitressqu l-proposti, tal-proċeduri ta' akkwist jew tal-kompetizzjonijiet fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim li jiskadu mill-15 ta' Settembru 2014 'il quddiem.

   Jekk l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera ma jkunux eliġibbli għall-finanzjament fil-kuntest ta' sejħiet għall-proposti jew stediniet biex jitressqu l-proposti jew kompetizzjonijiet fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim iffinanzjati mill-baġit tal-2015, abbażi tal-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fil-programm Orizzont 2020 u għat-tixrid tar-riżultati tiegħu, għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera maħruġa skont l-Anness B ta' dan il-Ftehim għall-2015, il-baġit tal-programm rilevanti għandu jitnaqqas bil-baġit ta' dawn is-sejħiet, ta' dawn l-istediniet biex jitressqu l-proposti jew ta' dawn il-kompetizzjonijiet.

2. Jekk waħda mill-Partijiet tinforma lill-oħra li mhix se tikkonkludi jew tirratifika dan il-Ftehim, qed jiġi maqbul li:

   - l-Unjoni u l-Euratom għandhom iroddu lura lill-Isvizzera l-kontribuzzjoni tagħha għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, hekk kif previst fl-Artikolu 2(1)(b);

   - madankollu, l-Unjoni u l-Euratom għandhom inaqqsu mir-rimborż imsemmi hawn fuq il-fondi li huma jkunu diġà allokaw, matul l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, għall-

parteċipazzjoni ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera f'azzjonijiet indiretti jew għall-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija;

- il-proġetti u l-attivitajiet li jkunu bdew waqt l-applikazzjoni provviżorja u li jkun għadhom għaddejjin fi żmien in-notifika msemmija hawn fuq għandhom jibqgħu għaddejjin sa ma jitlestew skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16
Rabta mal-Ftehim dwar il-Fużjoni tal-1978

1. Mal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, dan il-Ftehim għandu jissospendi l-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1978 fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kkontrollata u l-fiżika tal-plażmi.

2. Mad-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim itemm il-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1978 fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kkontrollata u l-fiżika tal-plażmi u jeħodlu postu.

   Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Isvediż, u kull wieħed minn dawk it-testi għandu jkun ugwalment awtentiku.

ANNESS A

PRINĊIPJI DWAR L-ALLOKAZZJONI TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

I. DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI TAL-ENTITAJIET LEGALI TAL-PARTIJIET

1. Kull Parti għandha tiżgura li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-entitajiet legali tal-Parti l-oħra li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet imwettqin skont dan il-Ftehim u d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-parteċipazzjoni jiġu ttrattati b'mod li jkun kompatibbli mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti applikabbli għall-Partijiet, b'mod partikolari l-Ftehim TRIPS (il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ), il-Konvenzjoni ta' Berna (l-Att ta' Pariġi tal-1971) u l-Konvenzjoni ta' Pariġi (l-Att ta' Stokkolma tal-1967).

2. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jieħdu sehem f'azzjonijiet indiretti fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali skont ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fil-programm Orizzont 2020 u għat-tixrid tar-riżultati tiegħu u skont id-dispożizzjonijiet tal-programm Orizzjont 2020 u tal-Ftehimiet tal-Għotja tal-Euratom.

3. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali skont ir-regoli dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u t-tixrid tal-informazzjoni u skont ir-regoli finanzjarji adottati mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija.

4. Meta l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera jieħdu sehem f'azzjonijiet indiretti fil-kuntest tal-programm Orizzont 2020 li jkunu implimentati skont l-Artikoli 185 u 187 tat-TFUE, dawk l-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali skont ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fil-programm Orizzont 2020 u għat-tixrid tar-riżultati tiegħu u skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet tal-Għotja rilevanti u kwalunkwe regola rilevanti oħra, skont il-każ.

5. L-entitajiet legali stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jkunu qed jipparteċipaw fi programmi u/jew proġetti tar-riċerka Svizzeri għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi marbutin mal-proprjetà intellettwali bħall-entitajiet legali stabbiliti fl-Isvizzera li jkunu qed jipparteċipaw f'dawn il-programmi jew il-proġetti tar-riċerka.

II. DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI TAL-PARTIJIET U SKAMBJU TAL-INFORMAZZJONI BEJNIETHOM

1. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor bejniethom, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jinħolqu mill-Partijiet matul l-attivitajiet imwettqin f'konformità mal-Artikolu 2(2) ta' dan il-Ftehim:

a. il-Parti li tkun qed toħloq il-proprjetà intellettwali għandu jkollha s-sjieda ta' din il-proprjetà. Meta ma jkunx jista' jitkejjel is-sehem rispettiv tagħhom fil-ħidma, il-Partijiet għandu jkollhom sjieda konġunta tal-proprjetà intellettwali;

b. il-Parti li jkollha s-sjieda tal-proprjetà intellettwali għandha tagħti d-drittijiet lill-Parti l-oħra biex din taċċessa u tuża din il-proprjetà intellettwali bil-għan li jitwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dan il-Ftehim. Ma għandu jintalab l-ebda ħlas għall-għoti tad-drittijiet ta' aċċess għall-proprjetà intellettwali u għall-użu tagħha.

2. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor bejniethom, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-Partijiet:

a. meta Parti tippubblika xogħol li jkun fih dejta, informazzjoni u riżultati tekniċi jew xjentifiċi li jkunu ġejjin mill-attivitajiet imwettqin fil-kuntest ta' dan il-Ftehim f'rivisti, artikli, rapporti u kotba, inklużi xogħlijiet awdjoviżivi u softwer, għandha tingħata liċenzja dinjija, mhux-esklużiva, irrevokabbli u mingħajr "royalty" lill-Parti l-oħra għat-traduzzjoni, l-adattament, it-trażmissjoni u t-tixrid pubbliku tad-dejta, tal-informazzjoni u tar-riżultati tekniċi jew xjentifiċi kkonċernati, sakemm dan ma jkunx eskluż mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali eżistenti ta' partijiet terzi;

b. il-kopji kollha tad-dejta u tal-informazzjoni protetta bid-drittijiet tal-awtur li jkunu se jitqassmu lill-pubbliku u li jitħejjew skont din is-sezzjoni għandhom jindikaw l-ismijiet tal-awtur jew tal-awturi, sakemm awtur ma jirrifjutax b'mod ċar li jissemma. Il-kopji għandhom jirreferu wkoll biċ-ċar għall-appoġġ kooperattiv tal-Partijiet.

3. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor bejniethom, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-informazzjoni mhix żvelata tal-Partijiet:

a. meta lill-Parti l-oħra tintbagħatilha informazzjoni li għandha x'taqsam mal-attivitajiet imwettqin fil-kuntest ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tidentifika l-informazzjoni li hija tixtieq li ma tiġix żvelata;

b. għall-finijiet speċifiċi tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Parti li tirċievi din l-informazzjoni tista' tibgħat, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, din l-informazzjoni li m'għandhiex tiġi żvelata lil korpi jew persuni li jaqgħu taħt l-awtorità tagħha bħala informazzjoni kunfidenzjali u b'obbligu li din l-informazzjoni tinżamm kunfidenzjali;

c. jekk il-Parti li tkun qed tipprovdi l-informazzjoni li m'għandhiex tiġi żvelata tkun tat il-kunsens bil-miktub bil-quddiem tagħha, il-Parti li tirċievi din l-informazzjoni tista' xxerred din l-informazzjoni fost firxa usa' ta' nies milli jippermetti s-subparagrafu (b). Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-iżvilupp ta' proċeduri għat-talba u għall-kisba tal-kunsens bil-miktub bil-quddiem għat-tixrid fost firxa usa' ta' nies, u kull Parti għandha tagħti t-tali approvazzjoni sal-limitu permess mill-politiki, mir-regolamenti u mil-liġijiet nazzjonali tagħha;

d. l-informazzjoni mhix iddokumentata li m'għandhiex tiġi żvelata, jew l-informazzjoni kunfidenzjali jew li għandha tibqa' sigrieta l-oħra mogħtija waqt seminars jew laqgħat oħra tar-rappreżentanti tal-Partijiet organizzati fil-kuntest ta' dan il-Ftehim, jew l-informazzjoni li tirriżulta mis-sekondar tal-persunal, mill-użu tal-faċilitajiet jew minn azzjonijiet indiretti trid tibqa' kunfidenzjali, meta min jirċievi t-tali informazzjoni li m'għandhiex tiġi żvelata jew l-

informazzjoni kunfidenzjali jew li għandha tibqa' sigrieta l-oħra jkun ġie mgħarraf dwar in-natura kunfidenzjali ta' dik l-informazzjoni qabel ma din tkun ġiet ikkomunikata lilu, f'konformità mas-subparagrafu (a);

e. kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni li m'għandhiex tiġi żvelata li hija takkwista f'konformità mas-subparagrafi (a) u (d) għandha tkun ikkontrollata kif previst f'dan il-Ftehim. Jekk waħda mill-Partijiet issir taf li hija mhix se tkun tista' tissodisfa d-dispożizzjonijiet kontra t-tixrid tal-informazzjoni mogħtija fis-subparagrafi (a) u (d), jew li hija x'aktarx li mhix se tkun tista' tissodisfahom, hija għandha tinforma lill-Parti l-oħra minnufih dwar dan. Wara, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jiddeċiedu kif għandhom jimxu 'l quddiem f'dak il-każ.

ANNESS B

REGOLI FINANZJARJI LI JIRREGOLAW IL-KONTRIBUZZJONI TAL-ISVIZZERA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4 TA' DAN IL-FTEHIM

I. IFFISSAR TAL-PARTEĊIPAZZJONI FINANZJARJA

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat it-tagħrif li ġej lill-Isvizzera, flimkien mad-dokumenti ta' referenza rilevanti, inkluża d-dejta tal-Eurostat korrispondenti, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena, u kull meta jiġi aġġornat il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014 sal-2020 hekk kif dan ikun disponibbli:

   a. l-ammonti tal-approprjazzjonijiet ta' impenn fid-dikjarazzjoni tan-nefqa tal-abbozz tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena ta' wara li jikkorrispondu għall-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u l-kontribuzzjoni finali tal-Unjoni għall-impriża Fużjoni għall-Enerġija;

   b. l-ammont stmat tal-kontribuzzjonijiet miksubin mill-abbozz tal-baġit, li jikkorrispondi għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera għas-sena ta' wara f'kull wieħed mill-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija.

2. Ladarba l-baġit ġenerali jkun ġie adottat definittivament u fl-istess ħin tal-ewwel sejħa għall-fondi ta' dik is-sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Isvizzera l-ammonti msemmija hawn fuq flimkien mad-dokumenti ta' referenza rilevanti, inkluża d-dejta tal-Eurostat korrispondenti, f'dikjarazzjonijiet separati tan-nefqa li jikkorrispondu għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera f'kull wieħed mill-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija.

II. PROĊEDURA TAL-PAGAMENTI

1. F'Ġunju u f'Novembru ta' kull sena finanzjarja, il-Kummissjoni għandha toħroġ sejħa separata għall-fondi lill-Isvizzera li tkun tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tagħha għal kull wieħed mill-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għall-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija fil-kuntest ta' dan il-Ftehim. Dawn is-sejħiet għall-fondi għandhom jagħmlu tajjeb rispettivament għall-ħlas ta' sitta minn kull tnax tal-kontribuzzjoni Svizzera għal kull sejħa għall-fondi u dan il-ħlas għandu jsir mhux aktar tard minn 30 jum wara l-wasla tas-sejħa korrispondenti għall-fondi. Madankollu, fl-aħħar sena taż-żewġ Programmi u fl-aħħar sena tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi[9], il-Kummissjoni għandha toħroġ sejħa waħda għall-fondi f'Ġunju, li tkun tkopri s-sena kollha, u dawn il-fondi għandhom jitħallsu mhux iktar tard minn 30 jum wara l-wasla tas-sejħa korrispondenti għall-fondi.

1a. Minkejja l-paragrafu 1 ta' hawn fuq, sal-15 ta' Diċembru 2014 il-Kummissjoni għandha toħroġ sejħa għall-fondi lill-Isvizzera li tikkorrispondi għal 7/24 tal-kontribuzzjoni annwali tagħha għall-Programmi koperti minn dan il-Ftehim għall-2014, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet marbutin mal-fużjoni fil-kuntest tal-Programm Euratom. Sal-15 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha toħroġ ukoll sejħa li tikkorrispondi għal 12/12 tal-kontribuzzjoni annwali tal-Isvizzera għall-attivitajiet tal-Programm Euratom marbutin mal-fużjoni u għall-attivitajiet imwettqin mill-

[9] ĠU L 349, 20.12.2013, p. 100.

impriża Fużjoni għall-Enerġija fl-2014. Dawn is-sejħiet għandhom jipprevedu l-ħlas tal-kontribuzzjoni tal-Isvizzera sa mhux aktar tard minn 30 jum wara l-wasla tas-sejħa korrispondenti għall-fondi.

Il-Paragrafi t'hawn taħt għandhom japplikaw kif meħtieġ.

2. Il-kontribuzzjonijiet tal-Isvizzera għandhom isiru u jitħallsu f'Euros.

3. L-Isvizzera għandha tħallas il-kontribuzzjoni tagħha fil-kuntest ta' dan il-Ftehim skont l-iskeda mogħtija fil-paragrafu 1. Kull dewmien fil-ħlas għandu jwassal għall-ħlas ta' imgħax b'rata li tkun daqs ir-rata interbankarja offruta ta' xahar (ir-rata EURIBOR). Din ir-rata għandha tiżdied b'1.5 punti perċentwali għal kull xahar ta' dewmien. Ir-rata miżjuda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewmien.

III. KUNDIZZJONIJIET TAL-IMPLIMENTAZZJONI

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera għaż-żewġ Programmi u għall-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija skont l-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim għandha tibqa' kif inhi għas-sena finanzjarja kkonċernata. Kwalunkwe tibdil rilevanti fil-baġit tal-UE adottat fis-sena finanzjarja kkonċernata għandu jiġi kkunsidrat fl-ewwel sejħa għall-fondi maħruġa fis-sena ta' wara, ħlief fis-sena finali tal-Programmi u tal-attivitajiet rispettivi.

2. Il-Kummissjoni, fiż-żmien tal-għeluq tal-kontijiet marbuta ma' kull sena finanzjarja (n), fil-qafas tat-twaqqif tal-kont tad-dħul u l-infiq, għandha tissokta bir-regolarizzazzjoni tal-kontijiet fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Isvizzera, filwaqt li tqis il-bidliet li jkunu saru, kemm minħabba t-trasferimenti, l-kanċellazzjonijiet jew ir-riporti jew minħabba baġits supplimentari jew ta' emenda matul is-sena finanzjarja.

3. Din ir-regolarizzazzjoni għandha sseħħ meta jsir l-ewwel pagament għas-sena n+1. Madankollu, ir-regolarizzazzjoni finali ta' dan it-tip għandha sseħħ mhux aktar tard minn Lulju tar-raba' sena wara t-tmiem ta' kull wieħed miż-żewġ Programmi u wara tmiem il-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi. Il-ħlas mill-Isvizzera għandu jiġi kkreditat lill-Unjoni Ewropea u lill-programmi tal-Euratom bħala dħul għall-baġit allokat għall-intestatura baġitarja x-xierqa fid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

IV. INFORMAZZJONI ĠENERALI

1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena finanzjarja (n+1), l-istqarrija dwar l-approprjazzjonijiet għall-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u għall-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija relatati mas-sena finanzjarja preċedenti (n), għandha titħejja u tintbagħat lill-Isvizzera għall-informazzjoni tagħha, skont il-format tal-kont tad-dħul u l-infiq tal-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Isvizzera l-istatistika u kull dejta finanzjarja ġenerali oħra marbuta mal-implimentazzjoni ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ Programmi u mal-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

ANNESS C

KONTROLL FINANZJARJU TAL-PARTEĊIPANTI SVIZZERI FIL-PROGRAMM ORIZZONT 2020, FIL-PROGRAMM EURATOM U FL-ATTIVITAJIET IMWETTQIN MILL-IMPRIŻA FUŻJONI GĦALL-ENERĠIJA KOPERTI MINN DAN IL-FTEHIM

I. KOMMUNIKAZZJONIJIET DIRETTI

Il-Kummissjoni tista' tikkomunika direttament mal-parteċipanti fil-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija stabbiliti fl-Isvizzera u mas-sottokuntratturi tagħhom. Huma jistgħu jissottomettu direttament lill-Kummissjoni kull informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti li huma jeħtieġ li jippreżentaw abbażi tal-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim u tal-ftehimiet tal-għotja u/jew tal-kuntratti konklużi sabiex dawn jiġu implimentati.

II. AWDITJAR

1. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012[11] u mar-regoli l-oħra msemmija f'dan il-Ftehim, il-ftehimiet tal-għotja u/jew il-kuntratti konklużi mal-parteċipanti fil-programmi u fl-attivitajiet stabbiliti fl-Isvizzera jistgħu jipprevedu awditjar xjentifiku, finanzjarju jew teknoloġiku jew awditjar ieħor li l-aġenti tal-Kummissjoni jew persuni oħra li jkunu ngħataw mandat mill-Kummissjoni jistgħu jwettqu f'kull ħin fil-bini tal-parteċipanti u tas-sottokuntratturi tagħhom.

2. L-aġenti tal-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u persuni oħrajn li jkunu ngħataw mandat mill-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess għas-siti u għax-xogħlijiet rilevanti u għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jitwettqu dawn l-awditi, inkluża l-informazzjoni f'format elettroniku. Dan id-dritt ta' aċċess għandu jissemma b'mod espliċitu fil-ftehimiet tal-għotja u/jew fil-kuntratti konklużi sabiex jiġu implimentati l-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim.

3. Wara l-iskadenza tal-programm Orizzont 2020 u tal-Programm Euratom, jew wara l-31 ta' Diċembru 2020 għall-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, l-awditi jistgħu jsiru skont it-termini stipulati fil-ftehimiet tal-għotja u/jew fil-kuntratti kkonċernati.

4. L-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru għandu jkun infurmat bil-quddiem bl-awditi li jkunu se jsiru fit-territorju Svizzeru. It-tali notifika ma għandhiex tkun prerekwiżit legali għat-twettiq tat-tali awditi. L-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru jew l-awtoritajiet Svizzeri kompetenti l-oħrajn maħturin mill-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru jistgħu jgħinu matul dawn l-awditi.

III. INVESTIGAZZJONIJIET MILL-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (L-OLAF)

1. Fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim, il-Kummissjoni (l-OLAF) tista' twettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fit-territorju Svizzeru, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96[12] u fir-

[10] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[11] ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.
[12] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] bil-għan li tistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u/jew tal-Euratom.

2. Il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom jitħejjew u jitmexxew mill-OLAF f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru jew mal-awtoritajiet Svizzeri kompetenti l-oħrajn maħturin mill-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru, li għandhom jiġu nnotifikati fi żmien xieraq dwar l-iskop, il-finijiet u l-bażi legali tal-verifiki u l-ispezzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu l-għajnuna kollha meħtieġa. Għal dan il-għan, l-uffiċjali tal-awtoritajiet Svizzeri kompetenti jistgħu jipparteċipaw fil-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post.

3. Jekk l-awtoritajiet Svizzeri kkonċernati jkunu jixtiequ hekk, il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jsiru b'mod konġunt mill-OLAF u minnhom.

4. Fejn il-parteċipanti fil-Programmi koperti minn dan il-Ftehim u fl-attivitajiet imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija jopponu kontroll jew spezzjoni fuq il post, l-awtoritajiet Svizzeri, filwaqt li jaġixxu f'konformità mar-regoli nazzjonali tagħhom, għandhom jagħtu lill-investigaturi tal-OLAF kull assistenza li jkollhom bżonn biex ikunu jistgħu jaqdu dmirijiethom fit-twettiq tal-kontroll jew tal-ispezzjoni fuq il post.

5. L-OLAF għandu jirrapporta lill-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru jew lill-awtoritajiet Svizzeri kompetenti l-oħrajn maħturin mill-Uffiċċju tal-Awditjar Federali Svizzeru, mill-aktar fis possibbli, dwar kull fatt jew suspett relatat ma' irregolarità li huwa jkun induna biha waqt li kien qed iwettaq il-verifika jew l-ispezzjoni fuq il post. F'kull każ, l-OLAF għandu jinforma lill-awtorità msemmija qabel bir-riżultat ta' dawn il-verifiki u l-ispezzjonijiet.

IV. INFORMAZZJONI U KONSULTAZZJONI

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni korretta ta' dan l-Anness, l-awtoritajiet kompetenti Svizzeri u tal-Unjoni għandhom jiskambjaw l-informazzjoni b'mod regolari u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, għandhom iwettqu konsultazzjonijiet bejniethom.

2. L-awtoritajiet kompetenti Svizzeri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kull fatt jew suspett li jsiru jafu bih marbut ma' xi irregolarità b'rabta mal-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tal-għotja u/jew tal-kuntratti konklużi biex jiġu applikati l-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim.

V. KUNFIDENZJALITÀ

L-informazzjoni kkomunikata jew miksuba f'kull forma fil-kuntest ta' dan l-Anness għandha tkun koperta bis-segretezza professjonali u għandha tkun imħarsa bl-istess mod bħalma hija mħarsa informazzjoni simili mil-liġi Svizzera u mid-dispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Din l-informazzjoni ma għandhiex tintbagħat lil persuni oħra, ħlief dawk fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew fl-Istati Membri jew fl-Isvizzera li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li huma jkunu jafuha, u lanqas ma għandha tintuża għal finijiet oħra, ħlief biex tkun żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.

[13] ĠU L 248, 18,9,2013, p. 1

VI. MIŻURI U SANZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi kriminali Svizzera, il-Kummissjoni tista' timponi miżuri u sanzjonijiet amministrattivi skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 u skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea[14].

VII. IRKUPRU U INFURZAR

Id-deċiżjonijiet meħudin mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-programm Orizzont 2020 jew tal-Programm Euratom li jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-Ftehim u li jimponu obbligu ta' ħlas ta' flus fuq persuni għajr l-Istati għandhom ikunu eżekwibbli fl-Isvizzera. It-titolu li jista' jkun infurzat għandu jinħareġ, mingħajr aktar kontrolli apparti l-verifika tal-awtenticità tal-att, mill-awtoritajiet maħturin mill-gvern Svizzeru, li għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan. L-infurzar għandu jseħħ skont ir-regoli ta' proċedura Svizzeri. Il-legalità tad-deċiżjoni ta' infurzar għandha tkun suġġetta għall-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ f'kuntratt jew ftehim tal-għotja konkluż fil-kuntest tal-programm Orizzont 2020 u ta-Programm Euratom għandhom ikunu eżekwibbli bl-istess termini.

[14] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.